



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Mejju 2022
(OR. en)

8468/22

TRANS 243
RELEX 530

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tal-Moldova għal Ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tal-Moldova
għal Ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż Ftehim mar-Repubblika tal-Moldova dwar it-trasport ta' merkanzija bit-triq ('il-Ftehim'), sabiex jittaffa l-impatt tal-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-operazzjonijiet tat-trasport.

- (2) Fid-dawl taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali u uniċi li jeħtieġu n-negozjar tal-Ftehim u f'konformità mat-Trattati, huwa xieraq li l-Unjoni teżerċita b'mod temporanju l-kompetenza kondiviża rilevanti mogħtija lilha mit-Trattati. Madankollu, kwalunkwe effett ta' din id-Deċiżjoni dwar id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jkun strettament limitat fiż-żmien. Il-kompetenza eżerċitata mill-Unjoni abbażi ta' din id-Deċiżjoni u l-Ftehim li għandu jiġi n-negozjat skontu għalhekk jenħtieġ li tiġi eżerċitata biss fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tal-Ftehim. B'hekk, il-kompetenza kondiviża hekk eżerċitata ser tieqaf tkun eżerċitata mill-Unjoni hekk kif jieqaf japplika l-Ftehim. Mingħajr preġudizzju għal miżuri oħra tal-Unjoni, u soġġett għall-konformità ma' dawk il-miżuri tal-Unjoni, dik il-kompetenza, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), ser terġa' tiġi eżerċitata mill-Istati Membri wara dan. Barra minn hekk, huwa mfakkar li, kif stabbilit fil-Protokoll Nru 25 dwar l-eżerċizzju ta' kompetenzi kondiviżi anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-TFUE, il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Unjoni f'din id-Deċiżjoni jkopri biss dawk l-elementi regolati minn din id-Deċiżjoni u ma jkoprix il-qasam kollu. L-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Unjoni b'din id-Deċiżjoni huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward ta' kwalunkwe negozjati li għaddejjin jew futuri għal, jew l-iffirmar jew il-konklużjoni ta', ftehimiet internazzjonali ma' kwalunkwe pajjiż terz ieħor f'dak il-qasam.

- (3) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tinħatar bħala negozjatur.
- (4) Jenħtieġ li n-negozjati jitwettqu mill-Kummissjoni f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art tal-Kunsill,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati, fisem l-Unjoni, għal Ftehim mar-
Repubblika tal-Moldova dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq (il-'Ftehim').

Artikolu 2

1. L-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Unjoni skont din id-Deċiżjoni u l-Ftehim futur għandu jkun limitat għall-perjodu ta' applikazzjoni tal-Ftehim. Mingħajr preġudizzju għal miżuri oħra tal-Unjoni, u soġġett għall-konformità ma' daww il-miżuri tal-Unjoni, wara t-tmiem ta' dak il-perjodu ta' applikazzjoni l-Unjoni għandha tieqaf minnufih milli teżerċita dik il-kompetenza u l-Istati Membri għandhom jerġġu jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom f'konformità mal-Artikolu 2(2) tat-TFUE.
2. L-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Unjoni skont din id-Deċiżjoni għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward ta' kwalunkwe negozjati li għaddejjin jew futuri għal, jew l-iffirmar jew il-konklużjoni ta', ftehimiet internazzjonali relatati mat-trasport tal-merkanzija bit-triq ma' kwalunkwe pajjiż terz ieħor, u mar-Repubblika tal-Moldova, fir-rigward tal-perjodu wara li dan il-Ftehim ma jibqax japplika.
3. L-eżerċizzju tal-kompetenza mill-Unjoni msemmi fil-paragrafu 1 ikopri biss l-elementi rregolati minn din id-Deċiżjoni u d-direttivi ta' negozjar.

4. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u l-Istati Membri fil-qasam tat-trasport tal-merkanzija bit-triq fir-rigward ta' elementi għajr dawk irregolati minn din id-Deċiżjoni u d-direttivi ta' negozjar.

Artikolu 3

In-negozjati għandhom jitwettqu abbażi tad-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill stabbiliti fl-addendum għal din id-Deċiżjoni. Dawk id-direttivi ta' negozjar jistgħu jiġu riveduti u żviluppati aktar kif xieraq skont l-iżvilupp tan-negozjati.

Artikolu 4

In-negozjati għandhom jitwettqu f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art tal-Kunsill, li huwa b'dan maħtur bħala l-kumitat speċjali skont it-tifsira tal-Artikolu 218(4) TFUE.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
